

il-Lussemburgu-Lussemburgu: BEI - Servizzi ta' verifika indipendenti għall-proġett ta' bini tal-BEI 2015–2020

OJ S 153/2015 11/08/2015

Avviż ta' kuntratt

Servizzi

L-I Taqsima: L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt

I.1) L-isem, l-indirizzi u l-punt(i) ta' kuntatt:

Il-Bank Ewropew tal-Investment, 98–100, boulevard Konrad Adenauer, 2950 Luxembourg, IL-LUSSEMBURGU. Ikkuntattja lis-: Sinjura Véronique Paulon, id-Diviżjoni tal-Ksib u x-Xiri, ir-referenza: VP-1255. Telefown +352 4379-1. Faks +352 437704. Email: cs-procurement@eib.org

L-indirizz(i) tal-Internet:

L-indirizz ġenerali tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt: <http://www.eib.org>

L-indirizz tal-profil tax-xerrej: <http://www.eib.org/about/procurement/calls/vp-1255.htm>

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-:

Punt(i) ta' kuntatt imsemmi(ja) hawn fuq.

L-ispeċifikazzjonijiet jew dokumenti oħra (inklużi ukoll id-dokumenti għal djalogu kompetittiv u sistema dinamika ta' xiri) jistgħu jinkisbu mill-:

Punt(i) ta' kuntatt imsemmi(ja) hawn fuq.

Offerti jew talbiet għas-sehem għandhom jintbagħtu lill-:

Punt(i) ta' kuntatt imsemmi(ja) hawn fuq.

I.2) It-tip tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt u l-attività jew l-attivitajiet ewlenin:

Istituzzjoni Ewropea/aġenzija jew organizzazzjoni internazzjonali.

L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt qiegħda tixtri f'isem awtoritajiet oħra li qiegħdin joħroġu l-kuntratti: le.

It-II Taqsima: L-għan tal-kuntratt

II.1) It-tifsira

II.1.1) L-isem mogħti lill-kuntratt mill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt:

Servizzi ta' verifika indipendenti għall-proġett ta' bini tal-BEI 2015–2020.

II.1.2) It-tip ta' kuntratt jew il-post tax-xogħlijiet, il-post fejn jitwassal jew isir ix-xogħol:

Servizzi.

Il-kategorija tas-servizz: Nru 27.

Il-kodiċi NUTS: LU000.

II.1.3) L-avviż jiġbor fih:

It-twaqqif ta' qafas ta' ftehim.

II.1.4) Tagħrif dwar il-qafas ta' ftehim:

Qafas ta' ftehim b'operatur wieġed.

It-tul ta' żmien tal-qafas ta' ftehim: it-tul ta' żmien f'sena(snin): minn Q4 2015 sat-tlestija tal-proġett ta' bini; dan huwa mistenni fl-2020.

il-ġustifikazzjoni għal qafas ta' ftehim li t-tul ta' żmien tiegħu jaqbeż l-4 snin: it-tul tal-qafas tal-ftehim se jiġbor fih l-ippjanar, il-bini u l-avvjament tal-bini l-ġdid.

II.1.5) **Deskrizzjoni qasira tal-kuntratt jew tax-xirja/xiri:**

L-għan tax-xogħol (ix-'xogħol') huwa biex jgħin il-verifika interna tal-BEI (IA) fil-provvista ta' servizzi indipendenti ta' valutazzjoni/verifika matul l-ippjanar, il-bini u l-aċċettazzjoni/l-għoti tal-proġett tal-bini ġdid tal-BEI ('il-proġett BTF'). Il-verifiki (servizzi) maħsuba jkopru:

- l-ippjanar tad-disinn u l-applikazzjoni tal-permess,
- il-pjan tal-ksib, inkluż id-dokumenti tal-istedina għall-offerti għal kuntratturi ġenerali,
- l-ivverifikar perijodiku tal-fatturi,
- rappurtaġġ perijodiku ta' progress (il-ħin/il-flus/l-organizzazzjoni),
- tkompli tar-rakkomandazzjonijiet perijodiċi,
- il-kunċett tal-ittestjar u l-avvjament.

U fl-2019, għad irid jifisser l-għan tal-flessibbiltà ta' verifika 1.

NB: sabiex jieħdu sehem f'din l-istedina għall-offerti, il-kandidati interessati għandhom jitolbu minn qabel l-ispeċifikazzjonijiet kompluti tas-sejħa għall-offerti mill-BEI. Il-kriterji mniżżlin fl-ispeċifikazzjonijiet għandhom jitqiesu meta jiffasslu l-offerti.

It-talbiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz f'punt I.1.

II.1.6) **Il-vokabularju komuni dwar il-ksib (VKK):**

71000000, 71200000, 71210000, 71241000, 71244000, 71245000, 71247000, 71248000, 71530000.

II.1.8) **Tqassim f'lottijiet:**

Le.

II.1.9) **Se jintlaqgħu varjanti:**

Le.

II.2) **Il-kobor jew il-firxa tal-kuntratt**

II.2.2) **Għażliet:**

Le.

It-III Taqsima: It-tagħrif legali, ekonomiku, finanzjarju u tekniku

III.1) **Il-kondizzjonijiet irrelatati mal-kuntratt**

III.1.3) **Il-bixra legali li għandha tittieħed mill-grupp ta' operatori ekonomiċi lil min se jingħata l-kuntratt:**

Ma japplikax.

III.1.4) **Kondizzjonijiet partikolari oħra li fuqhom jiddependi t-twettiq tal-kuntratt:**

Le.

III.2) **Il-kondizzjonijiet għas-sehem**

III.2.1) **Il-qagħda personali ta' operatori ekonomiċi, inklużi l-ħtiġijiet irrelatati mat-tniżżil fuq reġistri tal-professjoni jew tal-kummerċ:**

Informazzjoni u formalitajiet neċessarji għall-valutazzjoni jekk il-ħtiġijiet jintlaħqu:

Dawk li jiffgħu l-offerti għandhom jiddikjaraw jekk qegħdin jipprovdu u/jew jipprovdu servizzi lill-BEI fil-

passat. Jekk it-tweġiba tkun iva, huma se jintalbu biex jipprovdu informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-bixra ta' dawn is-servizzi, il-perijodu ta' żmien li fih ingħataw u l-valur tal-kuntratti ta' qabel. Il-BEI se jivvaluta jekk il-kunflitt ta' interess jeżisti u se jiddeċiedi li jew jeskludi lil dak li jiffa' l-offerti mill-għoti ta' dan il-qafas ta' ftehim jew jieħu miżuri oħra biex jiggarrantixxi n-natura indipendenti tal-valutazzjoni /verifika kritika.

Dawk li jifgħu l-offerti se jagħtu stqarrija fuq l-unur tagħhom (ara l-Anness 5a), iffirmata u bid-data kif xieraq minn rappreżentant awtorizzat, li fiha jistqarru li ma jinsabux f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' twarrib imniżżla fl-Anness 5a. Fil-każ ta' offerta konġunta, id-dikjarazzjoni fuq l-unur se tiġi pprovduta mill-membri kollha tal-grupp. Dak li jingħata l-kuntratt se jipprovdi d-dokumenti msemmija bħala xhieda li ssostni fl-Anness 5a qabel il-firma tal-qafas u qabel id-data tal-għeluq mogħtija mill-BEI. Dak li jingħata l-kuntratt se jipprovdi x-xhieda li ġejja fuq talba u mhux aktar tard mid-data tal-għeluq mogħtija mill-BEI.

Għas-sitwazzjonijiet imfissra f'(a), (b) u (e) tal-Anness 5a, hija meħtieġa l-produzzjoni ta' silta reċenti mir-reġistru ġudizzjarju jew, fin-nuqqas ta' dan, dokument reċenti ekwivalenti maħruġ minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva fil-pajjiż tal-oriġni jew imnejn ġejjin billi juru li dawk il-ħtiġijiet jintlaħqu. F'każ li min jiffa' l-offerti huwa persuna legali u l-leġislazzjoni nazzjonali tal-pajjiż fejn huwa mwaqqaf min jiffa' l-offerti ma tippermettix il-provvista ta' dawn it-tipi ta' dokumenti għal persuni legali, id-dokumenti għandhom ikunu pprovduti għal persuni naturali, bħad-diretturi tal-kumpanija jew kull persuna li għandha s-saħħa ta' rappreżentanza, ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew kontroll marbuta ma' min jiffa' l-offerta.

Għas-sitwazzjoni mfissra f'punt (d) hawn fuq ta' Anness 5a, huma meħtieġa ċertifikati reċenti jew ittri maħruġa minn awtoritajiet kompetenti tal-Istat ikkonċernat. Dawn id-dokumenti għandhom jipprovdu xhieda dwar il-ħlasijiet tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li min jiffa' l-offerti għandu jħallas, li jinkludu, ngħidu aħna, il-VAT, it-taxxa fuq id-dħul (persuni naturali biss), it-taxxa tal-kumpaniji (persuni legali biss) u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Għal kull waħda mis-sitwazzjonijiet (a), (b), (d) jew (e) ta' Anness 5a, fejn ma jinħariġx dokument imfisser fiż-2 paragrafi hawn fuq fil-pajjiż ikkonċernat, dan jista' jinbidel ma' stqarrija taħt ġurament jew, jekk ma jinkisibx dan, stqarrija solenni li ssir minn min għandu interess quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, nutar jew korp professjonali kkwalfikat fil-pajjiż tal-oriġni jew imnejn hu ġej.

III.2.2) Il-ħila ekonomika u finanzjarja:

L-inqas livell (i) ta' standards li possibbilment ikunu meħtieġa:

9.2.1. Il-ħila finanzjarja:

Dawk li jifgħu l-offerti għandhom jissodisfaw il-ħtieġa sabiex jintgħażlu: id-dħul minimu annwali matul l-aħħar 3 snin finanzjarji: EUR 1 500 000 kull sena, fil-qasam meħtieġ, jiġifieri valutazzjoni/verifika kritika ta' proġetti ta' kostruzzjoni.

III.2.3) Il-ħila teknika:

L-inqas livell (i) ta' standards li possibbilment ikunu meħtieġa:

Dawk li jifgħu l-offerti jridu jipprovdu:

a) Ir-referenzi:

Il-ħtieġa:

Dawk li jifgħu l-offerti għandu jkollhom 3 referenzi ta' valutazzjonijiet/verifiki kritiċi ta' kostruzzjoni dwar l-immaniġġjar tal-proġett u/jew verifika/valutazzjoni ta' bini ta' uffiċċji > 40 000 m² u/jew il-verifika/il-valutazzjoni ta' bini li jiswa > EUR 100 000 000.

Prova ta' dan ta' hawn fuq għandha tiġi pprovduta minn:

Deskrizzjonijiet (inkluż id-dettalji ta' kuntatt tal-klijent) tas-servizzi ta' qabel fil-bini ta' uffiċċji u/jew bini kummerċjali: dak li jiffa' l-offerti għandu jipprovdi massimu ta' 3 deskrizzjonijiet ta' proġetti li tlestew fl-aħħar 5 snin jew proġetti li bħalissa qegħdin isiru fl-immaniġġjar tal-proġett u/jew il-verifika/il-

valutazzjoni ta' bini ta' uffiċċju u/jew bini kummerċjali.

Min dawn it-3, 2 se jilħqu jew 1 jew għadd ta' kriterji mniżżla hawn taħt:

- l-ispazju tal-art ta' bini individwali jew sett ta' binjiet ta' uffiċċji (fl-istess plott) ta' aktar minn 40 000 m²,
- l-ispiża ta' bini individwali jew sett ta' binjiet kummerċjali u/jew pubbliċi u/jew ta' uffiċċji ta' aktar minn EUR 100 00 000.

Min dawn it-3, 1 se jilħqu jew 1 jew għadd ta' kriterji mniżżla hawn taħt:

- l-ispazju tal-art ta' bini individwali jew sett ta' binjiet ta' uffiċċji (fuq l-istess plott) ta' aktar minn 40 000 m²,
- torri mibni fuq 15-il sular jew aktar,
- bini ta' uffiċċji li kważi ma jużax enerġija,
- l-ispiża ta' bini individwali jew sett ta' binjiet kummerċjali u/jew pubbliċi u/jew ta' uffiċċji ta' aktar minn EUR 100 00 000.

b) Id-disponibbiltà ta' ħaddiema għal kull profil:

Il-ħtieġa:

Id-disponibbiltà ta' tim fil-firxa ta' servizzi kkonċernati u rrelatati max-xenarji speċifiċi mfissra f'Appendiċi I, inkluż l-għarfien u l-ħila biex jiġu applikati standards internazzjonali rilevanti fl-oqsma tal-kompetenza li għandhom jinkludu l-profil li ġejjin:

- mexxej tat-tim/tal-proġett — b'mill-inqas 15-il sena esperjenza rilevanti u għandu juri ħiliet fl-immaniġġjar ta' programmi u ħila biex jimmaniġġja tim; hija meħtieġa esperjenza sinifikanti fl-immaniġġjar tal-proġetti fl-UE,
- esperti anzjani fl-oqsma rilevanti mfissra f'Anness I — b'mill-inqas 12-il sena ta' esperjenza rilevanti; esperjenza sostanzjali u għarfien tal-añjar Prattika kurrenti fil-ksib, l-għoti ta' kuntratti u l-immaniġġjar tal-kuntratti; esperjenza fit-tmexxija ta' evalwazzjoni ta' proġetti fuq żmien medju u/jew 'ex post',
- esperti fl-oqsma rilevanti mfissra f'Appendiċi I — b'mill-inqas 8 snin ta' esperjenza rilevanti,
- il-membri tat-tim ta' appoġġ:

Il-membri tat-tim, bl-eċċezzjoni tal-membri tat-tim ta' appoġġ, għandu jkollhom kompetenza kumplimentari: għandhom ikunu gradwati fl-inġinerija, l-arkitettura, is-servejng, l-ekonomija/il-finanzi jew sfond edukattiv ekwiavlenti b'mill-inqas lawrja fil-livell ta' maġisteru.

Prova ta' dan ta' hawn fuq għandu jiġi pprovdut minn:

Dak li jitfa' l-offerti se jagħti dettalji fuq il-lawrji, l-ispeċjalizzazzjoni u l-esperjenza tal-profil disponibbli, bl-użu tal-mudell tal-profil f'Appendiċi III.

Stqarrija li l-membri kollha tat-tim maħtura għat-twettiq tas-servizzi se jkollhom ħakma tajba fl-Ingliż, u mill-inqas membru wieħed tat-tim se jkollu għarfien tajjeb tal-Franċiż.

Stqarrija li l-membri kollha tat-tim li huma maħtura biex iwettqu s-servizzi għandhom mill-inqas 8 snin ta' esperjenza fl-oqsma rilevanti.

III.2.4) Kuntratti riservati:

Le.

III.3) Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-kuntratti ta' servizzi

III.3.1) It-twettiq tas-servizz huwa riservat għal xi professjoni partikolari:

Le.

III.3.2) Il-persuni legali għandhom jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali tal-impjegati responsabbli mit-twettiq tas-servizz:

Le.

Ir-IV Taqsima: Il-proċedura

IV.1) **It-tip ta' proċedura**

IV.1.1) **It-tip ta' proċedura:**

Miftuħa.

IV.2) **Il-kriterji tal-għoti:**

IV.2.1) **Il-kriterji tal-għoti:**

L-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża f'termini tal-kriterji mniżżla fl-ispeċifikazzjonijiet, fl-istedina għall-offerti jew għall-innegozjar jew fid-dokument deskrittiv.

IV.2.2) **Se jintuża rkant elettroniku:**

Le.

IV.3) **Tagħrif amministrattiv**

IV.3.1) **In-numru tar-referenza tal-fajl mogħti mill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt:**

Ir-referenza: VP-1255.

IV.3.2) **Pubblikazzjoni(jiet) li nħarġet(inħarġu) qabel dwar l-istess kuntratt:**

Le.

IV.3.3) **Il-kondizzjonijiet biex wieħed ikun jista' jikseb l-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti oħra jew dokument deskrittiv:**

Dokumenti li jridu jitħallsu: le.

IV.3.4) **Iż-żmien għall-wasla tal-offerti jew għat-talbiet biex wieħed ikun jista' jieħu sehem:**

25.9.2015 (23:59).

IV.3.6) **L-ilsien jew l-ilsna li bih (bihom) għandhom jifasslu l-offerti jew it-talbiet biex wieħed jieħu sehem:**

L-Ingliż.

IV.3.7) **L-inqas żmien li fih min jitfa' l-offerta għandu jżomm l-offerta tiegħu:**

It-tul taż-żmien f'jiem: 180 (mid-data mistqarra għall-wasla tal-offerti).

IV.3.8) **Il-kondizzjonijiet għall-ftuħ tal-offerti:**

Il-post: Il-Kwartieri tal-Bank Ewropew tal-Investment, Lussemburgu.

Il-persuni awtorizzati li jkunu hemm għall-ftuħ tal-offerti: le.

Is-VI Taqsima: Tagħrif kumplimentari

VI.1) **Dan huwa ksib rikorrenti:**

Le.

VI.2) **Dan il-kuntratt għandu x'jaqsam ma' proġett u/jew programm iffinanzjat mill-fondi tal-UE:**

Le.

VI.4) **Proċeduri għall-appell**

VI.4.1) **Il-korp responsabbli mill-proċeduri tal-appell:**

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, rue du Fort Niedergrünwald, 2925 Luxembourg , IL-LUSSEMBURGU. Telefown +352 4303-1. Faks +352 4303-2100. Email: generalcourt.registry@curia.europa.eu cfi.registry@curia.europa.eu Internet: <http://curia.europa.eu>

VI.4.2) It-tressiq tal-appelli:

Informazzjoni preċiża dwar id-data(i) tal-għeluq sabiex isiru l-appelli:

fi żmien xahrejn mill-avviż li jintbagħat lil min qiegħed iressaq l-appell jew, fin-nuqqas ta' dan, mid-data li fiha jsir jaf b'dan.

VI.5) Id-data tad-dispaċċ ta' dan l-avviż:

3.8.2015.